MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2004

Numru 3/2003

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Basam Mohamed Gaballa**
**Ben Khial**

**Il-Qorti**:

Rat l-Att ta' Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fit-8 ta' Jannar, 2003 kontra Basam Mohamed Gaballa Ben Khial li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuzah: (1) li assocja ruhhu ma' persuni ohra f'Malta u ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jitraffika medicina u droga ohra

(erojina) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), jew li ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni; (2) li importa, gieghel li tigi impurtata jew ghamel xi haga sabiex tista’ tigi impurtata medicina perikoluza (erojina) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 101; (3) li kellu fil-pussess tieghu id-droga erojina bi ksur tal-ligi taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu; u (4) li forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew li jipprokura, id-droga erojina bi ksur tal-ligi;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-17 ta’ Marzu, 2003 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni ta’ l-akkuzat debitament registrata u li fiha l-istess akkuzat ippersista anke wara li gie debitament imwissi minn dik il-Qorti skond l-Artikolu 453 tal-Kodici Kriminali, iddikjaratu hati skond l-erba’ kapi tal-imsemmi Att ta’ Akkuza u kkundannatu ghall-piena ta’ tlettax-il (13) sena prigunerija li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-imsemmi Basam Mohamed Gaballa Ben Khial ghamel taht arrest preventiv, kif ukoll multa ta’ ghoxrin elf lira (Lm20,000) konvertibbli f’sena prigunerija; inoltre dik il-Qorti kkundannatu jhallas is-somma ta’ mija w tletin lira u hamsa w ghoxrin centezmu (Lm133.25c) spejjez peritali, kif ukoll ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta` mobbli jew immobbli ohra tal-hati Basam Mohamed Gaballa Ben Khial; fl-ahharnett dik il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tal-oggetti kollha ezebiti li jikkonsistu f’medicini perikoluzi jew oggetti relatati ma’ l-abbuz tad-droga mill-Ispizjar Mario Mifsud taht is-supervizjoni diretta tad-Deputat Registratur ta’ dik il-Qorti li kellu jirrapporta lill-istess Qorti bil-miktub meta din id-distruzzjoni tkun saret;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Basam Mohamed Gaballa Ben Khial, minnu ppresentat fis-7 ta’ April, 2003 li permezz tieghu talab hekk:

“…l-appellant umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tirriforma s-sentenza appellata tas-17 ta’ Marzu, 2003 billi tirrevoka [**<u>recte</u>:** tirrevokaha] fil-parti

fejn sabet *(sic!)* hati ta' traffikar u timmodifikaha ghal dik li hija l-piena biex tinflitti [**recte:** tinfliggi] piena giusta u adegwata ghac-cirkostanzi partikolari tal-kaz tieghu."

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lill-Avukat Dott. Malcolm Mifsud ghall-appellant u lill-Avukat tar-Repubbika Anzjan Dott. Mark Said ghall-prosekuzzjoni fl-udjenza tal-5 ta' Frar, 2004; ikkunsidrat:

Qabel xejn ghandu jigi osservat li fl-udjenza msemmija, cioe` dik tal-5 ta' Frar, 2004 l-avukat difensur ta' l-appellant iddikjara li l-istess appellant prezenti fl-awla "qieghed ghall-finijiet ta' dan l-appell u bla pregudizzju ghall-kwalsiasi proceduri ohra li jista' talvolta jintavola, jirrinunzja ghal kull aggravju li bih b'xi mod ghamel referenza [fir-rikors ta' appell tieghu] ghall-ksur tad-drittijiet fondamentali, fis-sens li qieghed izomm ferm l-appell tieghu dwar il-piena pero` minghajr ebda rifless dwar ksur ta' l-imsemmija drittijiet fondamentali". Effettivament ghandu jigi osservat li r-rikors ta' appell ta' l-appellant (iffirmat mhux mill-Avukat Dott. Malcolm Mifsud izda minn avukata) kien fih ilmenti dwar il-piena maghguna b'mod ferm ingarbuljat ma' ilment li l-appellant ma kellux smigh xieraq bi ksur tal-Artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea rispettivament. In vista tal-verbal appena msemmi tal-5 ta' Frar, 2004, l-aggravji ta' l-appellant huma ghalhekk issa bazikament erbgha: (1) li l-piena inflitta kienet wisq severa minhabba li l-Qorti Kriminali riedet tibghat "messagg deterrenti" u inqdiet bl-appellant b'mod li fir-realta` innewtralizzat l-effett tal-beneficcju ta' l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 – artikolu li l-Prosekuzzjoni kienet qablet li kellu japplika f'dan il-kaz[1]; (2) li ma kienx hemm prova ta' x'kienet id-droga li tissemma' fir-raba' kap ta' l-Att ta' Akkuza; (3) li mhux biss il-piena kellha titnaqqas b'terz skond l-imsemmi Artikolu 29 izda kellu jigi applikat l-Artikolu 22(10) tal-Kap. 101; u (4) li l-ewwel Qorti ma kellhiex tikkonfiska l-proprjeta` tieghu meta ma kienx hemm provi li l-flus li instabu fuqu kienu qligh minn xi droga traffikata f'Malta.

[1] Ara l-verbal ta' l-udjenza tas-17 ta' Marzu, 2003.

Jinghad bla tlaqliq u mill-ewwel li l-aggravji kollha ta' l-appellant huma infondati. L-erba' kapi ta' l-Att ta' Akkuza kienu jgorru kull wiehed minnhom il-piena tal-prigunerija ghall-ghomor. Anke bl-assorbiment ta' l-ewwel zewg kapi fit-tielet kap – assorbiment li qablet mieghu il-prosekuzzjoni fl-udjenza tas-17 ta' Marzu, 2003 – kien ghad baqa' zewg kapi separati – it-tielet u r-raba' wiehed – li kull wiehed minnhom kellu l-piena tal-prigunerija ghall-ghomor. Meta flok il-piena indeterminata ta' l-ghomor tigi applikata piena ta' prigunerija ghal perijodu determinat (Art. 22(2)(a)(i) proviso tal-Kap. 101) u b'applikazzjoni tal-Artikolu 17(b) tal-Kodici Krminali, il-piena massima li setghet inghatat lill-appellant mill-ewwel Qorti kienet ta' hamsa u tletin sena (35) prigunerija. Nofs hamsa u tletin sena (jekk wiehed kellu jnaqqas, skond l-Artikolu 29 tal-Kap. 101, nofs flok terz) jigu sbatax-il sena u xi ftit xhur. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet perfettament entro l-parametri tal-ligi meta kkundannat lill-appellant ghall-piena ta' tlettax-il sena prigunerija; u kienet ukoll hekk entro l-parametri tal-ligi meta infliggiet il-piena ta' multa ta' ghoxrin elf lira. Kwantu ghall-kwistjoni tad-deterrent, l-ewwel Qorti kienet perfettament intitolata li, fil-ghoti tal-piena, izzomm f'mohha l-effett ta' deterrent generali tal-piena, meta qalet hekk:

"Qieset ukoll dak li sottomettiet il-prosekuzzjoni li f'kull kaz irid jinghata messagg li jkun ta' deterrent ghal nies ohra li jassocjaw ruhhom biex jimportaw f'Malta drogi w sustanzi perikoluzi ghad-detriment tas-socjeta` Maltija."

Din il-Qorti mhux biss tikkondividi pjenament dan il-hsieb ta' l-ewwel Qorti, izda anzi zzid li fejn si tratta ta' traffikar tad-droga (inkluza importazzjoni) l-element tad-deterrent generali fil-piena hija konsiderazzjoni ewlenija li kull Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha zzomm f'mohha fil-ghoti tal-piena, basta, s'intendi, li jkun hemm element ta' proporzjonalita` bejn il-fattispeci partikolari tal-kaz u l-piena erogata (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Thafer Idris Gaballah Salem***). Ghalhekk l-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa infondat.

Kwantu għat-tieni aggravju, apparti l-fatt li meta l-appellant ammetta r-raba' kap tal-Att ta' Akkuza kien qed jammetti l-akkuza ta' traffikar <u>fl-erojina</u> – u dan għax l-Avukat Generali <u>specifikatament semma'</u> d-droga erojina f'dan il-kap u mhux, per ezempju, semplicement irrefera għal "medicina perikoluza" mingħajr isem – l-istess appellant kien indikaha huwa stess, fl-istqarrija li kien għamel lill-Pulizija fl-14 ta' Settembru, 2001. Infatti f'dik l-istqarrija l-appellant kien qal hekk, b'referenza għall-ewwel okkazjoni meta kien daħħal droga f'Malta pero` ma kienx inqabad:

"Irrid ngħid li l-eroina fid-diary kienet moħbija minn Khaled u kienet milli jidher moħbija sewwa fil-qoxra tad-diary. Għalkemm lili qalli li kien fih l-eroina, u d-diary kien tqil, jien għalija l-eroina kienet moħbija fil-qoxra tad-diary. Jien naħseb li kien hemm xi 400 gramma eroina. Dakinhar ħadd ma waqqafna gewwa l-airport. Kif wasalna l-lukanda, Khaled ħa d-diary izda ma nafx x'għamel bih wara. Khaled lili tagħni madwar 12,000 Dinar Libjan. F'Malta ħallasli kollox ukoll dana Khaled inkluz anki l-lukanda. Mort lura l-Libya fis-7 ta' Awissu, 2001 b'titjira tal-Libyan Arab Airlines, Dakinhar jien mort lura waħdi." **(ara fol. 110 tal-attijiet tal-kumpilazzjoni).**

Għalhekk dana t-tieni aggravju huwa wkoll infondat.

Kwantu għat-tielet aggravju, din il-Qorti tosserva li għalkemm jidher li quddiem il-Qorti Kriminali l-appellant xehed li hu kien jiehu d-droga[2], fl-istqarrija guramentata tiegħu quddiem il-Magistrat li kienet qed tikkonduci l-inkjesta, huwa kien qal proprju bil-kontra:

"Jien qatt ma għamilt uzu minn droga [ta'] l-ebda tip." **(fol. 101 tal-attijiet tal-kumpilazzjoni).**

Fi kwalunkwe kaz, biex jigi applikat is-subartikolu 10 ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 101 – subartikolu li, safejn tiftakar din il-Qorti, <u>qatt</u> għadu ma gie applikat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali – jeħtieg li jkun hemm certifikat <u>bil-miktub</u> mill-

---

[2] Is-sentenza ta' l-ewwel Qorti, infatti, tgħid hekk: "Qieset ukoll l-eta` tal-ħati, il-fatt li hu wera li ddispjacih u talab maħfra, kif ukoll li ilu arrestat minn Settembru 2001, <u>u l-fatt li kif xehed hu kien jieħu d-drogi</u>;" – sottolinear ta' din il-Qorti.

Ministru responsabbli ghas-sahha li kura ghar-riabilitazzjoni tal-hati mid-dipendenza tieghu fuq xi medicina perikoluza tista’ tinghata fil-habs. Fil-kaz odjern ebda tali certifikat bil-miktub ma gie prodott.

Fl-ahharnett l-appellant jilmenta dwar il-konfiska tal-proprjeta` tieghu. Dana l-aggravju hu wiehed fieragh. Irrispettivament minn jekk il-flus li instabu fuq l-appellant kinux derivanti mid-droga jew le, il-konfiska ordnata mill-ewwel Qorti kienet wahda tassattiva skond l-Artikolu 22(3A)(d) tal-Kap. 101 galadarba kien hemm it-talba f’dan is-sens tal-prosekuzzjoni.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------